MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 426/2005

**Avviz numru 426/05 DM**

**Is-socjeta' civili KPMG u Joseph C Schembri (ID 257050 M), Alfred V. Cremona (ID 281259 M), Raymond Azzopardi (ID 410751 M), Tonia Zarb (ID 756956 M), Pierre Portelli (ID 678857 M), Hilary Galea-Lauri (ID 92665 M), Noel Mizzi (ID 36865 M), David Bamber (ID 474865 M), David Caruana (ID 152765 M), Andre Zarb (ID 396760 M), Eric Muscat (ID 485560 M), Anthony Pace (ID 554965 M) u Mark Bamber ( ID 337867 M)**

**Vs**

**Bencini & Diacono Ltd C 5052**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tminn mija u erbgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmi

(LM1,864.40c) rapprezentanti hlas ghal servizzi professjonali debitament rezi u provduti lis-socjeta' konvenuta mill-atturi fuq inkarigu u beneficcju taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment u ta' l-ittra ufficjali datata 8 t' April, 2005 debitament notifikata u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi :

1 It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ;
2 Ix-xoghol ma' sarx skond is-sengha u l-arti u ghas-sodisfazzjon ta' l-esponenti ;
3 Kompletament bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li m' huwa dovut l' ebda ammont lil atturi billi l-kumpanija konvenuta inkorriet diversi multi u penalitajiet stante li x-xoghol ma' tlestiex meta kellu jitlesta izda sahansitra snin wara. Ghalhekk kien sar qbil li x-xoghol kellu b' xi mod jitlesta biex l-esponent ma' jibqax jinkorri multi u penalitajiet. Ghalhekk l-eccipjenti jirriservaw li jagixxu ulterjorment ghad-danni fil-konfront ta' l-atturi;
4 Salv eccezzjonijit ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet il-provi prodotti minn l-attur u d-dokumenti minnu esebiti.

Billi l-konvenuti ma pproducew ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnhom ipprezentati u billi ma baghtu ebda rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni ssib illi t-talba attrici hija gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf,

tminn mija u erbgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmi (LM1,864.40c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b' effett mill-25 ta' Lulju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------